**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 07/19**
**Data:** It-Tnejn, 6 ta' Mejju 2019
**Ħin:** 6:45 PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku (Mis-7:15pm)
Amanda Abela - Kunsilliera
Claude Camilleri - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Joan Agius - Kunsilliera (Mis-7:00pm)
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**Skużat**
Joe Hales - Kunsillier

**AĠENDA**

**07.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**07.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
**07.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**07.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**
**07.05** ***Items oħra* ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**
**07.06** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**07.07** **Offerti u kwotazzjonijiet**
**07.08** **Elezzjoni Kunsilli Lokali**
**07.09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;**
**07.10** **Mozzjonijiet u;**
**07.11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**07. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Hales | Is-segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li Hales ma setgħax jattendi għall-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. | |

**07. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Camilleri C | Il-Minuti 05/19 u 06/19 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 07. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**07. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 2 3 | 5.4.1 | Chircop: Proġett fi Pjazza Karlu Diacono | Chircop qal li l-artisiti li ġew ikkuntatjati s'issa sabiex jieħdu sehem f'dan il-proġett u aċċettaw huma Clive Gerada, Anthony Spagnol u Joe Baldacchino. Ser jingħataw iktar dettalji fil-ġimgħat li ġejjien. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 2 | 4 | 5.6.1 | Chircop: Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra | Chircop qal li din saret fl-4 ta' Mejju bis-sehem tal-Għaqda Banda Żejtun u ċ-Circolo Musikali Sta. Katarina. Is-Sindku żiedet li kellna lment mill-Għaqda Banda Beland peress li meta saret ma setgħawx ikunu preżenti. | Chircop |
| 07 | 2 | 5 | 5.6.2 | Chircop: Kors tal-Inbid | Chircop qal li dan il-kors beda u qed isiru l-laqgħat il-Kunsill. | Chircop |
| 07 | 2 | 6 | 6.2.1 | Agius: *Financial Statements* | Agius staqsiet dwar din id-deċiżjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan minħabba li sar eżerċizzju fuq il-*Fixed Assets Registry* u ħass li tabelli tat-toroq għandhom jitneħħew minn dan ir-reġistru fuq parir ta' konsulenta hekk kif propost mid-Dipartiment. L-awdituri ma qablux ma' dan u talbu li dawn għandhom jiddaħħlu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 2 | 7 | 5.6.3 | Agius: 7 Visti | Agius qalet li din saret u kienet suċċess | Agius |
| 07 | 2 | 8 | 5.6.4 | Agius: Mother's Day | Agius infurmat lill-Kunsill li l-attivita' ser issir fis-17 ta' Mejju fejn ser imorru Ta' Qali il-Crafts Village, l-Imdina u wara l-Arka ta' Noe. | Agius |
| 07 | 2 | 9 | 5.6.5 | Agius: Festa San Girgor | Agius qalet li din saret u L-Inguardia ma ġewx pero dan ma kellniex kontroll fuqu. Aħna ipparteċipajna billi provdejna l-*istalls* u libsu t-tfal. | Agius |
| 07 | 2 | 10 | 5.7.1 | Agius: Ġbir tal-Iskart riċiklat | Agius saqsiet dwar il-proposti. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega ta' x'fihom il-proposti. Staqsiet ukoll dwar it-tqassim tal-boroż il-bojod tal-iskart organiku u dan kien proċess twil ħafna sabiex jitqassmu lil dawk kollha li ġew fl-uffiċini sabiex joduhom. | Agius |
| 07 | 2 | 11 | 5.2.7 | Sindku: Proġett taz-zuntier | Is-Sindku qalet li l-bankina kienet lesta sal-Ġimgħa l-Kbira. Qed issir pressjoni sabiex jitlesta x-xogħol peress li daqt irid jintuża fil-festa. Rigward il-monument is-Sindku tkellmet mas-Sur Trevor Zahra fejn infurmana li dan ser isir ftit il-bogħod mill-funtana. Talab lill-Kunsill sabiex jgħinu fl-attivita' li ser tittella meta jiġi nawgurat. | Sindku |
| 07 | 2 | 12 | 5.2.6 | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku qalet li l-fondi li applikajna għalihom mal-Ministeru tal-Ambjent ġew approvati u l-Ħamis ser niffirmaw *Memorandum of Understanding.* Ser napplikaw ukoll fi skema oħra għall-irrigazzjoni u ser nindikaw liema huma l-ġonna fejn ser nagħmlu din is-sistema ta' irrigazzjoni. | Sindku |
| 07 | 2 | 13 | 5.3.1 | Sindku: Triq Licata | Is-Sindku staqsiet dwar ix-xogħol u s-Segretarju Eżekuttiv qal li x-xogħol reġa sar ħażin. | Sindku |
| 07 | 2 | 14 | 5.3.2 | Sindku: Ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li ser napplikaw għal iktar fondi biex inkomplu nduru aktar ħitan fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser naraw hemmx bżonn DNO. Jekk le x-xogħol fuqhom jistgħu jibda | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 2 | 15 | 5.6.8 | Sindku: Inawgurazzjoni tal-bandli fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku qalet li l-inawgurazzjoni saret u attendew il-Ministri l-Onor. Owen Bonnici u l-Onor. Carmelo Abela. Qed ikun frekwentat minn ħafna ġenituri u tfal. | Sindku |
| 07 | 2 | 16 | 5.8.1 | Sindku: L-ewwel żjara uffiċjali tal-President ta' Malta | Is-Sindku qalet li għandna bżonn nagħtu iktar promozzjoni lil din l-attvita' li ser issir fit-12 ta' Mejju. Ser issir laqgħa oħra mal-Għaqdiet nhar il-Erbgħa. | Sindku |

**07 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 1 | 1 | Dipartiment tal-Gvern Lokali | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-mandat ta' dan il-Kunsill ser jagħlaq fl-aħħar ta' Ġunju. Fit-18 ta' Ġunju jittieħdu l-ġuramenti tal-Kunsillera li ser jiġu eletti u fl-ewwel laqgħa ta' Lulju jittieħdu l-ġuramenti tas-Sindku u Viċi-Sindku. Fl-elezzjoni il-Kunsill Lokali ma jistax ikun miftuħ. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 3 | 2 | 04 | LCA: *Malta Pride Initiative 2019* | Ġew diskussi diversi ideat li jistgħu jiġu maħduma. Fost oħrajn issemma li jista' jsir xi ħaġa fi Ġnien il-Qawsalla. | Sindku |
| 07 | 3 | 3 | 06 | SPI at LG: Finanzjament ta' Proġetti Kapitali | Ser inkunu qed napplikaw għall-fondi sabiex isiru sistemi ta' irrigazzjoni f'dawn il-ġonna: Il-Kmandant, Brejġu, Qawsalla u Iż-Żgħożija. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 3 | 4 | 11 | TM: Linji sofor | Caruana spjega li dawn il-linji sofor tneħħew bil-permess ta' *Transport Malta.* | Caruana |
| 07 | 3 | 5 | 21 | Applikazzjoni għall-estenzjoni tal-Kunsill Lokali | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li minħabba raġuni ta' spazju qed jissuġerixxi li ssir estenzjoni billi jinbena biċċa mill-bejt kif muri fil-pjanti li qed jiġu ppreżentati lill-Kunsill, sabiex isir spazju ieħor u jiġu organizzati l-arkivji. Il-Kunsill qabel nem.con sabiex issir l-applikazzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 3 | 6 | 22 | Kwotazzjoni għal-*Data Protection Officer* | Tressqu tlett kwotazzjonijiet, pero l-irħas waħda hija dik ta' Adrian Mifsud. Il-Kunsill qabel nem.con. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 3 | 7 | 23 | Refalo & Zammit Pace Advocates: Posta tal-American Meals fil-festa. | Tressqet ittra bl-avukat mis-Sur Roderick Farrugia sabiex jieħu tweġiba dwar il-posta li jarma fil-ġimgħa tal-festa. Minħabba li kien intefa żejt saret diskussjoni dwar din il-materja u sar qbil li għandha tintbagħat tweġiba sal-Ġimgħa li ġej. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07 | 3 | 8 | 24 | Claudine Sawyer - Ilearn: *Outdoor Gym* | Intalab li jsir *Outdoor Gym* fejn l-Iskola Primarja A sabiex jintuża mill-istudenti. Wara diskussjoni, ntlaħaq ftehim li ssir laqgħa magħhom u tiġi diskussa iktar fid-dettall. | Sindku |
| 07 | 3 | 9 | 26 | Għaqda Banda Żejtun: Lumen | Il-Kunsill qabel li din għandha terġa ssir s-sena d-dieħla. | Segretarju Eżekuttiv |

**07. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 7 | 4 | 1 | | Caruana: Skart f'Misraħ Indipendenza | Caruana staqsa dwar l-biċċa li mhiex mibnija. Ser niċċekjaw jekk hux art privata sabiex tissolva din il-problema ta' rimi ta' skart. | Segretarju Eżekuttiv |
| 7 | 4 | 2 | | Chircop: *Card Game* | Chircop qal li qed jinġabru l-ordnijiet għal din il-logħba innovativa u diġa hemm interess minn 40 ruħ. | Chircop |
| 7 | 4 | 3 | | Chircop: Gandott quddiem id-Dar tal-Anzjani | Chircop qal li l-gandott li hemm quddiem ir-residenza irid jiġi mgħotti bi gradilja sabiex isir aċċessibli għax qed isibu diffikulta' biex jaqqsmu. | Sindku |
| 7 | 4 | 4 | | Chircop: Toroq fiż-Żona Industrijali ta' Bulebel | Chircop staqsa dwar it-toroq f'din iż-żona peress li ingħataw l-ismijiet. Dan peress li diġa għandna Triq il-Ħaddiema. Ser tiġi ċċekjata jekk jagħmlux maż-Żejtun. | Chircop |
| 7 | 4 | 5 | | Chircop: Restawr tan-niċċa ta' San Ġużepp | Chircop qal li x-xogħol fuq ir-restawr tan-niċċa kellu jitwaqqaf peress lil l-perit sab xi problemi dwar ix-xogħol li sar mal-gwarniċ fil-ġebla li dawwar il-bieb li jinsab taħt in-niċċa. | Chircop |
| **07.** | **5.** | | | **Items oħra ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 7 | 5 | 1 | | Sindku: Ktieb tar-Reġjun | Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li r-Reġjun Xlokk ser jippublika ktieb li jinkludi informazzjoni fuq iż-Żejtun kif ukoll dwar 14 -il lokalita' oħra li jagħmlu parti mir-Reġjun Xlokk. Dan ser jitnieda fl-10 ta' Mejju u l-Kunsilliera huma mistiedna. | Sindku |
| 7 | 5 | 2 | | Sindku: Berġa | Is-Sindku qalet li tkellmet magħha Ms Roseanne Camilleri, CEO tas-saħħa Primarja fuq ix-xogħol li ser isir fil-berġa fejn intlabna nagħtu spazju sabiex jintuża temporanju. Ser jiġi allokat s-sala t'isfel sakemm jitlesta x-xogħol ta' riġenerazzjoni. | Sindku |
| 7 | 5 | 3 | | Sidku: Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Is-Sindku qalet li ser jitwaħħlu bankijiet fejn ser issir l-Installazzjoni Artistika n-naħa tal-mitħna kif ukoll mat-triq. | Sindku |
| 7 | 5 | 4 | | Sindku: Triq il-Ħaddara | Is-Sindku qalet li kellha proposta sabiex Triq il-Ħaddara ssir *One-way* kif ukoll Ħal Bisbut k/m Triq Tnella. Sar qbil li kif titlesta Triq Toni Zahra isir pjan tat-traffiku. | Sindku |
| 7 | 5 | 5 | | Viċi-Sindku: Triq E. Attard Bezzzina | Il-Viċi-Sindku qalet li saritilha proposta sabiex f'din it-triq isiru s-sinjali tal-parkeġġi. Kien hemm qbil li dawn isiru pero irridu naraw kif dawn isiru peress li hemm ammont kbir ta' garaxxijiet u spazju huwa limitat għall-parkeġġi. | Sindku |
| 7 | 5 | 6 | | Camilleri C: Għotja ta' Kompjuters | Camilleri qal li tqassmu tmin kompjuters użati li ġew mogħtija b'xejn minn TCTC, tnejn lill-Għaqda Mużikali Beland, tnejn lill-Għaqda Banda Żejtun, tnejn lill- *Paolo Freire Institute* wieħed liż-*Żejtun Kids Club* u wieħed liż-*Żejtun Scout.* | Camilleri C |
| 7 | 5 | 7 | | Camilleri C: Tabelli | Camilleri C qal li twaħħlu żewġ tabelli li jindikaw l-iskejjel Primarja A u *Kindergarten.* | Camilleri C |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 7 | 5 | 8 | | Chircop: Bolol | Chircop qal l-aħħar sett ta' bolol ser joħroġ fit-13 ta' Mejju. | Chircop |
| 7 | 5 | 9 | | Fuljett Sajf | Saret diskussjoni dwar jekk għandux jiġi ppublikat l-fuljett bil-programm ta' attivitajiet li ser jiġu organizzati fis-Sajf. Wara diskussjoni, sar qbil li dan għandu jsir xorta b'format ftit differenti. | |
| 7 | 5 | 10 | | Ċitazzjonijiet fi Triq Ħal Tarxien | Saret diskussjoni dwar iċ-ċitazzjonijiet li ingħataw fi Triq Ħal Tarxien. Sar qbil li l-Kunsill jagħmel *disclaimer* għalfejn ma kelliex tingħalaq u ċ-ċitazzjonijiet mhux ġustifikati u għandha tingħata kopja lil kull min ingħata ċitazzjoni sabiex tiġi preżentata waqt is-seduti tat-Tribunal Lokali. | Segretarju Eżekuttiv |

**07. 6. Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 6. | 1 | | Camilleri D: Figolli | Camilleri D qalet li tqassmu ammont ta' figolli lir-residenti ta' Dar Nazzareth fl-Għid il-Kbir u Mattew 25. | Camilleri D |
| 07. | 6. | 2 | | Camilleri D: Warda | Camilleri D informat lill-Kunsill li ser titqassam warda f'Jum l-Omm fid-dar tal-anzjani. | Camilleri D |
| 07. | 6. | 3 | | Viċi-Sindku: Fondi għall-*Wifi* | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li ser nieħdu €15000 sabiex jiġi nstallat l-*Wifi* f'diversi żoni. | Viċi-Sindku |
| 07. | 6. | 4 | | Agius: *Petting Rabbit* | Agius informat lill-Kunsill li din ser issir fil-11 ta' Mejju bejn is-2pm u l-5pm. | Agius |
| 07. | 6. | 5 | | Agius: *Weekend Break* | Agius informat lill-Kunsill li dan ser jiġi organizzat bejn is-7 u d-9 ta' Ġunju fil-*Paradise Bay Hotel.* | Agius |
| 07. | 6. | 6 | | Agius: Tfal Jaddotaw Anzjan | Agius informat lill-Kunsill li ser tibda minn Ġunju li ġej. | Agius |
| 07. | 6. | 7 | | Agius: Figolli | Agius qalet li ingħataw il-figolli lit-tfal fl-Irxoxt fuq iz-zuntier. | Agius |
| 07. | 6. | 8 | | Camilleri C: Korsijiet | Camilleri C qal li ser isiru l-korsijiet tar-Robotica u l-Coding fis-Sajf. Bħalissa qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | Camilleri C |
| 07. | 6. | 9 | | Chircop: *Night Tours* | Chircop inform lill-Kunsill li diġa saru 3 *tours* u l-Kunsill daħal l-ammont ta' €120 minn dawn it-tours bħala għotja għal użu tal-binja tal-Kunsill. | Chircop |

**07. 7. Offerti u kwotazzjonijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 7 | 1 | | Offerti tal-Latrini Pubbliċi | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-offerti għaż-żamma u t-tindif tal-latrini pubbliċi ser jiġu evalwati fil-jiem mli ġejjien. | Segretarju Eżekuttiv |

**07. 8. Elezzjoni Kunsilli Lokali**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 8. | 1 | | Ma kienx hemm ħin biex din tiġi diskussa | | |

***07. 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. | 9. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 04/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. | 9 | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 07/19 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. | 9 | 3 | *Petty Cash* - April 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €221.44. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **07** | **10** | **Mozzjonijiet u;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 07. 10 1 | | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa | | |
| **07** | **11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa 9:35pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju 2019 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv